MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH ZAMMIT MC KEON

Seduta tat-23 ta' Frar, 2009

Citazzjoni Numru. 1112/2008

**Bank of Valletta p.l.c.**

**-vs-**

**Ahmed Ibrahim Mohammed sive David u Doreen mizzewgin Al Jolsi**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf tal-bank attur li jgħid hekk:-

1. Illi bit-termini u kundizzjonijiet imsemmija f'kuntratt tal-4 t'Ottubru 2005 (Dok. 'A') in atti Nutar Dottor Pierre Falzon, u l-iskrittura privata datata fl-1 ta' Gunju 2006 (Dok. 'B') is-socjeta' attrici kkoncediet facilitajiet bankarji lil Ahmed Ibrahim *sive* David u Doreen mizzewgin Al Jolsi;

2. Illi s-socjeta' attrici tinsab kreditrici ta' Ahmed Ibrahim Mohammed *sive* Doreen mizzewgin Al Jolsi fis-

somma ta’ sebgha u tmenin elf, tliet mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€87,322.56) bilanc ghad-debitu fil-“*Loan Accounts*” ta’ Ahmed Ibrahim Mohammed *sive* David u Doreen mizzewgin Al Jolsi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. ‘C1’ sa ‘C2’, Dok. ‘D1’ sa ‘D2’, Dok. ‘E1’ sa ‘E2’, Dok. ‘F1’ sa ‘F2’, Dok. ‘G1’ sa ‘G2’, Dok. ‘H1’ sa ‘H2’) flimkien ma’ l-imghax ulterjuri mis-7 t’Ottubru 2008 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

3. Illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura privata fuq imsemmija (u hawn esebiti bhala Dokument “A”, u “B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ahmed Ibrahim Mohammed sive David u Doreen mizzewgin Al Jolsi; (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta’ mittenti kif stipulat fl-imsemmija kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f’obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta’ l-istess Ahmed Ibrahim Mohammed *sive* David u Doreen mizzewgin Al Jolsi li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita’ tal-hlas lura ta’ l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta’ attrici;

4. Illi l-attur *nomine* jaf bil-fatti fuq imsemmija personalment;

5. Illi l-konvenuti gew interpellati permezz ta’ ittra ufficjali datata fl-1 ta’ Gunju 2007 li kopja taghha qed tigi hawn esebita u mmarkata Dok. “I”, sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda dawn baqghu inadempjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex m’ghandhiex Din il-Qorti tilqa’ t-talbiet tas-socjeta’ attrici li qeghdha hawn titlob li Din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddikjara u Tiddeciedi illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fil-kuntratt u fl-iskrittura fuq imsemmija (u hawn esebit bhala Dokument “A”, u “B”) partikolarment imma mhux esklussivament, billi Ahmed Ibrahim Mohammed *sive* David u Doreen mizzewgin Al

Jolsi (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmi kuntratt u skrittura, (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess kuntratt u skrittura sopraindikati, u/jew, (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess Ahmed Ibrahim Mohammed *sive* David u Dorren mizzewgin Al Jolsi li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici.

2. Tikkundanna lil Ahmed Ibrahim Mohammed *sive* David u Doreen mizzewgin Al Jolsi jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' sebgha u tmenin elf, tliet mija u tnejn u ghoxrin Ewro u sitta u hamsin centezmu (€87,322.56) bilanc ghad-debitu fil-"*Loan Accounts*" ta' Ahmed Ibrahim Mohammed *sive* David u Doreen mizzewgin Al Jolsi mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. 'C1' sa 'C2', Dok. 'D1' sa 'D2', Dok. 'E1' sa 'E2', Dok. 'F1' sa 'F2', Dok. 'G1' sa 'G2', Dok. 'H1' sa 'H2') flimkien ma' l-imghax ulterjuri mis-7 ta' Ottubru 2008 sad-data ta' l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fl-1 ta' Gunju 2007 u tal-Mandat ta' Sekwestru kontra l-konvenuti li huma ngunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tax-xhieda tas-socjeta' attrici;

Rat in-nota ffirmata mill-konvenuti u prezentata minnhom fl-udjenza tal-kawza tat-23 ta' Frar 2009 li permezz taghha huma ammettew it-talbiet attrici kif dedotti kontrihom fir-rikors mahluf.

Billi bl-ammissjoni tal-konvenuti t-talbiet attrici kif dedotti jirrizultaw ippruvati.

**Fuq ammissjoni tal-konvenuti, tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tas-socjeta' attrici kif dedotti fir-rikors mahluf bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------